# Fra Anton ta' San Karlu f'Għawdex

**Minn: Lorenzo Zahra**

Ħafna ġie li semgħu li f'Għawdex fl-imgħoddi kien hemm jgħixu għal xi żmien xi eremiti ta' ħajja tassew qaddisa. Hekk ħafna żgur jafu b'San Korradu l-Eremita li kien jgħix qrib jew fis-Santwarju l-qadim tal-Qala, però ftit naħseb huma dawk li qatt semgħu bi Fra Anton ta' San Karlu li wkoll għex għal xi żmien f'dak ir-raħal hekk qadim.

Dan jirrakkontah il-kittieb u storiku Dun Ġian Pietru Feliċ De Soldanis, jew aħjar Agius Sultana. Dan il-qassis li daqskemm patrijott kien għaref u kittieb, ried iħalli reġistrat dak li ra u sema' fi żmienu wkoll. Fil-fatt din ta' dan l-Eremita wieħed isibha fir-rakkonti tiegħu.

Dan it-twajjeb Eremita kien mill-Piemonte u kien proprjament suldat. Kien jismu Karlaton imma wara li serva ta' suldat daħal mal-Eremiti ta' Monte Sion fis-santwarju tal-Madonna tad-Dawl fid-deżert ta' Mursia, jiġifieri fi Spanja. Huwa ħalla minn hemm u ġie lejn dawn il-gżejjer. Telaq minn Alikante u l-ewwel niżel f'Lampedusa u wara ġie Għawdex. Kien jgħix qrib il-knisja tal-Qala u kien jgħaddi l-ħajja tassew ta' Eremit fit-talb u l-penitenża.

Kemm dam f'dak ir-raħal huwa kellu konfessur tiegħu l-kappillan Dun Nikol Cassar Magri li bosta drabi kien anke jitimgħu. Huwa kien jiekol dejjem ikel fqir imma kien magħruf wisq għall-penitenzi ħorox li kien jagħmel. Kien jorqod fl-art xi drabi fit-taraġ tal-artal u jingħad li dam hawn xi ħames xhur. Tul il-ftit żmien, madankollu kien ħa fama ta' qdusija u anke kienu jirrakkontaw xi għeġubijiet li għamel fi żmienu. Fost l-oħrajn jingħad li kellu ġnien li bla ma jsaqqi kien jikseb ward sabiħ u li jfewwaħ li kien jieħdu fil-knisja. Billi kien ġej minn art Spanjola la kien jaf il-Malti u lanqas l-Għarbi, b'danakollu kien jifhem kollox. Huwa kien miet fl-Italja fil-belt ta' Borgia fil-31 ta' Ottubru 1726. ■

# Minn Ġrajja tal-Qala – Għawdex

Il-Qala Għawdex huwa wieħed mill-irħula pittoreski u ta' ġmiel iżda f'dan ir-raħal ċkejken ma tonqosx li wieħed isib ġrajjiet li jmorru l-bogħod ħafna u li huma mżewqa wkoll bil-leġġendi.

Biswit Triq it-Tempju wieħed jara ħaġra kbira li skont studjużi u arkeoloġi tal-imgħoddi jidher li fl-inħawi eluf ta' snin ilu kien hemm maqdes. Hekk almenu jaħseb wara studji l-kittieb Xerri fil-kitba tiegħu f'Leħen il-Qala. Huwa maħsub li xi tlett elef sena ilu kien hemm maqdes. L-Arkeologu Sir Temi Zammit kien għamel studju dwaru.

Iżda qalb il-poplu tal-Qala tal-imgħoddi kien hemm leġġenda li tista' wkoll titfa' dawl fuq l-istess tempju.

Jingħad li mara straordinarja mdaqqsa u ta' saħħa ġganteska kienet xi darba ġarret għal hawn ħaġra kbira minn ta' Ċenċ. Jingħad li din il-mara kienet tiekol il-ful li jimliha bis-saħħa. Billi kien żmien meta ma għamlitx xita u hekk ma kienx hawn ful għall-ikel, din il-mara marret lura minn saħħitha. Issa kienet hija li ġabet din il-ġebla kbira li kienet tuża sabiex toqgħod bilqiegħda fuqha.

Meta n-nies tar-raħal raw li saħħet din il-mara kienet marret lura, uħud kienu jittantawha u jisfidawha biex jaraw jekk kinitx għadha tarmi dik is-saħħa straordinarja li kellha. U kienu spiss jisfidawha tant li din il-mara biex turi li saħħitha kienet għadha hemm, darba qabdet il-ħaġra u waqqfitha, u minn dakinhar hija telqet dak il-post u marret mkien ieħor għall-kwiet.

Għalhekk il-ħaġra llum nistgħu nsejħulha bħala dolmen, ħaġra kbira wieqfa, speċi ta' monument ta' qedem bħalma wieħed jara wkoll fi bnadi oħra fil-gżejjer tagħna. ■

